



---

*Kumitat għall-Baġits*

---

**2024/0056(BUD)**

25.3.2024

# **EMENDI 1 - 20**

**Abbozz ta' rapport  
Siegfried Mureşan  
(PE759.895v01-00)**

Abbozz ta' baġit emendatorju nru 1 tal-baġit ġenerali 2024 Emendi għall-baġit tal-2024 meħtieġa minħabba r-reviżjoni tal-QFP ((2024/0056(BUD)))



**Emenda 1**  
**Victor Negrescu**  
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 2**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

2. **Jisħaq** li, bl-adozzjoni tal-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2024, il-baġit tal-Unjoni għall-2024 se jkun aktar adattat għall-iskop tiegħu, aktar flessibbli u mgħammar aħjar biex jilqa' l-isfidi li qed tiffaċċja l-Unjoni;

*Emenda*

2. **Jistenna** li, bl-adozzjoni tal-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2024, il-baġit tal-Unjoni għall-2024 se jkun aktar adattat għall-iskop tiegħu, aktar flessibbli u mgħammar aħjar biex jilqa' l-isfidi li qed tiffaċċja l-Unjoni;

Or. en

**Emenda 2**  
**Rasmus Andresen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 3**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

3. Jilqa' l-proposta li jiġu mobilizzati EUR 4,8 biljun mir-Riżerva għall-Ukrajna li għadha kif inħolqot biex ikun possibbli l-ħlas ta' għotjiet lill-Ukrajna; ifakkar li l-ħlas ta' self ma jirrikjedix baġit emendatorju u għalhekk li l-Unjoni diġà qed tipprovdi appoġġ lill-gvern Ukren sabiex ikun jista' jżomm servizzi essenzjali; jisħaq li l-appoġġ finanzjarju bbażat fuq l-għotjiet u s-self permezz tal-Faċilità għall-Ukrajna se jgħin lill-Ukrajna **fit-triqitha** lejn ir-rikostruzzjoni, l-irkupru, ir-riforma u s-šhubija mal-Unjoni;

*Emenda*

3. Jilqa' l-proposta li jiġu mobilizzati EUR 4,8 biljun mir-Riżerva għall-Ukrajna li għadha kif inħolqot biex ikun possibbli l-ħlas ta' għotjiet lill-Ukrajna; ifakkar li l-ħlas ta' self ma jirrikjedix baġit emendatorju u għalhekk li l-Unjoni diġà qed tipprovdi appoġġ lill-gvern Ukren sabiex ikun jista' jżomm servizzi essenzjali; jisħaq li l-appoġġ finanzjarju bbażat fuq l-għotjiet u s-self permezz tal-Faċilità għall-Ukrajna se jgħin lill-Ukrajna **żżomm l-istat jiffunzjona u b'mod partikolari lis-servizzi essenzjali jiffunzjonaw filwaqt li tikkontribwixxi għal triqitha** lejn ir-rikostruzzjoni, l-irkupru, ir-riforma u s-šhubija mal-Unjoni;

Or. en

**Emenda 3**  
**Eric Minardi, Joachim Kuhs**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 3**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

3. Jilqa' l-proposta li jiġu mobilizzati EUR 4,8 biljun mir-Riżerva għall-Ukrajna li għadha kif inħolqot biex ikun possibbli l-ħlas ta' għotjiet lill-Ukrajna; ifakkar li l-ħlas ta' self ma jirrikjedix baġit emendatorju u għalhekk li l-Unjoni diġà qed tippovdi appoġġ lill-gvern Ukren sabiex ikun jista' jżomm servizzi essenzjali; jisħaq li l-appoġġ finanzjarju bbażat fuq l-għotjiet u s-self permezz tal-Faċilità għall-Ukrajna se jgħin lill-Ukrajna **fit-triqitha** lejn ir-rikostruzzjoni, l-irkupru, **ir-riforma u s-sħubija mal-Unjoni**;

*Emenda*

3. Jilqa' l-proposta li jiġu mobilizzati EUR 4,8 biljun mir-Riżerva għall-Ukrajna li għadha kif inħolqot biex ikun possibbli l-ħlas ta' għotjiet lill-Ukrajna; ifakkar li l-ħlas ta' self ma jirrikjedix baġit emendatorju u għalhekk li l-Unjoni diġà qed tippovdi appoġġ lill-gvern Ukren sabiex ikun jista' jżomm servizzi essenzjali; jisħaq li l-appoġġ finanzjarju bbażat fuq l-għotjiet u s-self permezz tal-Faċilità għall-Ukrajna se jgħin lill-Ukrajna **fi triqitha** lejn ir-rikostruzzjoni, l-irkupru **u r-riforma**;

Or. en

**Emenda 4**  
**Rasmus Andresen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 4**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

4. Jissottolinja li n-nomenklatura baġitarja għall-Faċilità **tal-Ukrajna**, introdotta permezz tal-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2024, se tgħin biex jiġi żgurat li l-awtorità baġitarja tkun tista' teżerċita skrutinju xieraq fuq l-infiq; jilqa' l-inklużjoni fil-Faċilità ta' pagamenti ta' sussidju għar-rati tal-imgħax għall-Assistenza Makrofinanzjarja (MFA) ipprovduta lill-Ukrajna fl-2022, li se tnaqqas il-persjoni fl-Intestatura 6 (Il-Viċinat u d-Dinja), b'mod partikolari fir-riżerva tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali;

*Emenda*

4. Jissottolinja li n-nomenklatura baġitarja għall-Faċilità **għall-Ukrajna**, introdotta permezz tal-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2024, se tgħin biex jiġi żgurat li l-awtorità baġitarja tkun tista' teżerċita skrutinju xieraq fuq l-infiq; jilqa' l-inklużjoni fil-Faċilità ta' pagamenti ta' sussidju għar-rati tal-imgħax għall-Assistenza Makrofinanzjarja (MFA) ipprovduta lill-Ukrajna fl-2022, li se tnaqqas il-persjoni fl-Intestatura 6 (Il-Viċinat u d-Dinja), b'mod partikolari fir-riżerva tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali; **ifakkar li l-appoġġ għall-**

***Għajnuna Umanitarja għall-Ukrajna mhuwiex kopert mill-Faċilità għall-Ukrajna u jistenna f'dan il-kuntest li l-Kummissjoni se tiżgura appoġġ suffiċjenti għall-Ukrajna kif ukoll għall-bqija tad-dinja fil-bżonn mill-HUMA anke fil-baġit tal-2024;***

Or. en

**Emenda 5  
Rasmus Andresen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 7**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

7. Jinnota li, fil-5 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni rressqet proposta biex tistabbilixxi programm ġdid għad-difiża - il-Programm Ewropew għall-Industrija tad-Difiża - għall-perjodu 2025-2027, bi trasferiment ippjanat ta' EUR 1,5 biljun mill-FEŻ, preċiżament l-ammont tat-tishiġ tal-FEŻ maqbul fl-ambitu ta' STEP; jinsisti li r-riżorsi addizzjonali assenjati lill-FEŻ għall-bqija tal-perjodu tal-QFP jintużaw għall-oġġettivi ta' STEP;

*Emenda*

7. Jinnota li, fil-5 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni rressqet proposta biex tistabbilixxi programm ġdid għad-difiża - il-Programm Ewropew għall-Industrija tad-Difiża - għall-perjodu 2025-2027, bi trasferiment ippjanat ta' EUR 1,5 biljun mill-FEŻ, preċiżament l-ammont tat-tishiġ tal-FEŻ maqbul fl-ambitu ta' STEP; jinsisti li r-riżorsi addizzjonali assenjati lill-FEŻ għall-bqija tal-perjodu tal-QFP jintużaw għall-oġġettivi ta' STEP; ***itenni l-pożizzjoni li ilu jħaddan li prijoritajiet ta' politika ġodda jeħtieġu flus ġodda;***

Or. en

**Emenda 6  
Victor Negrescu  
fisem il-Grupp S&D**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 7**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

7. Jinnota li, fil-5 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni rressqet proposta biex tistabbilixxi programm ġdid għad-difiża -

*Emenda*

7. Jinnota li, fil-5 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni rressqet proposta biex tistabbilixxi programm ġdid għad-difiża -

il-Programm Ewropew għall-Industrija tad-Difiża - għall-perjodu 2025-2027, bi trasferiment ippjanat ta' EUR 1,5 biljun mill-FEŻ, preċiżament l-ammont tat-tiżi tal-FEŻ maqbul fl-ambitu ta' STEP; jinsisti li r-riżorsi addizzjonali assenjati lill-FEŻ għall-bqija tal-perjodu tal-QFP jintużaw għall-oġettivi ta' STEP;

il-Programm Ewropew għall-Industrija tad-Difiża - għall-perjodu 2025-2027, bi trasferiment ippjanat ta' EUR 1,5 biljun mill-FEŻ, preċiżament l-ammont tat-tiżi tal-FEŻ maqbul fl-ambitu ta' STEP; jinsisti li r-riżorsi addizzjonali assenjati lill-FEŻ għall-bqija tal-perjodu tal-QFP jintużaw għall-oġettivi ta' STEP ***skont il-ftehim tal-koleġiżlaturi***;

Or. en

## **Emenda 7** **Rasmus Andresen**

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **Paragrafu 8**

#### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

8. Jilqa' l-EUR 500 miljun addizzjonali għall-Balkani tal-Punent, imqiegħda f'riżerva soġġetta għall-adozzjoni tar-regolament propost li jistabbilixxi l-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent; jenfasizza li l-inklużjoni fl-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2024 tal-ammonti u tan-nomenklatura proposta għal dik il-Faċilità ma tippreġudikax il-ħidma tal-koleġiżlaturi; jirrimarka, f'dan ir-rigward, li ma jqisx in-nomenklatura kif stabbilita fl-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2024 bħala adegwata għall-iskop tagħha u biħsiebu jiżgura granularità akbar u għalhekk sorveljanza aħjar għall-awtorità baġitarja;

#### *Emenda*

8. Jilqa' l-EUR 500 miljun addizzjonali għall-Balkani tal-Punent, imqiegħda f'riżerva soġġetta għall-adozzjoni tar-regolament propost li jistabbilixxi l-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent; jenfasizza li l-inklużjoni fl-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2024 tal-ammonti u tan-nomenklatura proposta għal dik il-Faċilità ma tippreġudikax il-ħidma tal-koleġiżlaturi; jirrimarka, f'dan ir-rigward, li ma jqisx in-nomenklatura kif stabbilita fl-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2024 bħala adegwata għall-iskop tagħha u biħsiebu jiżgura granularità akbar u għalhekk sorveljanza aħjar għall-awtorità baġitarja; ***joqgħod lura milli jemenda l-baġit emendatorju f'dan ir-rigward għar-raġuni unika tal-urġenza li jiġu mmobilizzati għotjiet għall-Ukrajna***;

Or. en

## **Emenda 8** **Victor Negrescu** fisem il-Grupp S&D

## **Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 9**

### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

9. Jinnota li, mit-total ta' EUR 3,1 biljun f'rinforzi għall-Intestatura 6 bejn l-2024 u l-2027 maqbula fir-reviżjoni tal-QFP, EUR 500 miljun biss huma inklużi fl-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2024; jirrimarka, barra minn hekk, li r-riallokazzjonijiet ippjanati tal-fondi fi ħdan dik l-Intestatura mhumiex inklużi; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tipprovdi lill-awtorità baġitarja b'informazzjoni dettaljata li tispjega kif biħsiebha timmaniġġja l-bidliet kollha fil-programmi u fl-istrumenti speċjali li jirriżultaw mir-reviżjoni tal-QFP;

### *Emenda*

9. Jinnota li, mit-total ta' EUR 3,1 biljun f'rinforzi għall-Intestatura 6 bejn l-2024 u l-2027 maqbula fir-reviżjoni tal-QFP, EUR 500 miljun biss huma inklużi fl-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2024; jirrimarka, barra minn hekk, li r-riallokazzjonijiet ippjanati tal-fondi fi ħdan dik l-Intestatura mhumiex inklużi; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tipprovdi lill-awtorità baġitarja b'informazzjoni dettaljata li tispjega kif biħsiebha timmaniġġja l-bidliet kollha fil-programmi, **inkluża l-Intestatura 6**, u fl-istrumenti speċjali li jirriżultaw mir-reviżjoni tal-QFP;

Or. en

**Emenda 9**  
**Victor Negrescu**  
f'isem il-Grupp S&D

## **Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 10**

### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

10. Jilqa' l-fatt li l-Unjoni se tkun tista' tirreaġixxi aħjar għall-kriżijiet b'riżultat taż-żieda fil-finanzjament għal diżastri naturali u emerġenzi oħra inklużi fl-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2024; jinnota li l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2024 johlq linji ġodda f'konformità mad-deċiżjoni li r-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza tinqasam f'żewġ partijiet - ir-Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea għal diżastri naturali u emerġenzi tas-saħħa pubblika fl-Unjoni u fil-pajjiżi tal-adeżjoni u r-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza għal rispons rapidu għal emerġenzi fl-Unjoni u barra mill-Unjoni;

### *Emenda*

10. Jilqa' l-fatt li l-Unjoni se tkun tista' tirreaġixxi aħjar għall-kriżijiet b'riżultat taż-żieda fil-finanzjament għal diżastri naturali u emerġenzi oħra inklużi fl-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2024; jinnota li l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2024 johlq linji ġodda f'konformità mad-deċiżjoni li r-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza tinqasam f'żewġ partijiet - ir-Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea għal diżastri naturali u emerġenzi tas-saħħa pubblika fl-Unjoni u fil-pajjiżi tal-adeżjoni u r-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza għal rispons rapidu għal emerġenzi fl-Unjoni u barra mill-Unjoni;

iqis li l-arkitettura l-ġdida se tiffaċilita l-  
ġestjoni tal-fondi;

iqis li l-arkitettura l-ġdida se tiffaċilita l-  
ġestjoni tal-fondi; ***ifakkar fl-importanza  
ta' mobilizzazzjoni rapida u f'waqtha tar-  
Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea fit-  
trattament tal-applikazzjonijiet kif ukoll  
fl-iżborż tal-fondi;***

Or. en

## **Emenda 10** **Rasmus Andresen**

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **Paragrafu 10**

#### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

10. Jilqa' l-fatt li l-Unjoni se tkun tista' tirreaġixxi aħjar għall-kriżijiet b'riżultat taż-żieda fil-finanzjament għal diżastri naturali u emerġenzi oħra inklużi fl-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2024; jinnota li l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2024 johlqo linji ġodda f'konformità mad-deċiżjoni li r-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza tinqasam f'żewġ partijiet - ir-Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea għal diżastri naturali u emerġenzi tas-saħħa pubblika fl-Unjoni u fil-pajjiżi tal-adeżjoni u r-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza għal rispons rapidu għal emerġenzi fl-Unjoni u barra mill-Unjoni; iqis li l-arkitettura l-ġdida se tiffaċilita l-  
ġestjoni tal-fondi;

#### *Emenda*

10. Jilqa' l-fatt li l-Unjoni se tkun tista' tirreaġixxi aħjar għall-kriżijiet b'riżultat taż-żieda fil-finanzjament għal diżastri naturali u emerġenzi oħra inklużi fl-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2024; jinnota li l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2024 johlqo linji ġodda f'konformità mad-deċiżjoni li r-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza tinqasam f'żewġ partijiet - ir-Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea għal diżastri naturali u emerġenzi tas-saħħa pubblika fl-Unjoni u fil-pajjiżi tal-adeżjoni u r-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza għal rispons rapidu għal emerġenzi fl-Unjoni u barra mill-Unjoni; iqis li l-arkitettura l-ġdida se tiffaċilita l-  
ġestjoni tal-fondi ***u jistenna li dan se  
jwassal għal mobilizzazzjoni aktar  
f'waqtha tar-Riżervi jekk u meta jkunu  
meħtieġa;***

Or. en

## **Emenda 11** **Eric Minardi, Joachim Kuhs**

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **Paragrafu 10**



### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

10. Jilqa' l-fatt li l-Unjoni se tkun tista' tirreaġixxi aħjar għall-kriżijiet b'riżultat taż-żieda fil-finanzjament għal diżastri naturali u emerġenzi oħra inklużi fl-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2024; jinnota li l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2024 johlqoq linji ġodda f'konformità mad-deċiżjoni li r-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajjnuna ta' Emerġenza tinqasam f'żewġ partijiet - ir-Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea għal diżastri naturali u emerġenzi tas-saħħa pubblika fl-Unjoni u ***fil-pajjiżi tal-adeżjoni u r-Riżerva ta' Għajjnuna f'Emerġenza għal rispons rapidu għal emerġenzi fl-Unjoni u barra mill-Unjoni***; iqis li l-arkitettura l-ġdida se tiffaċilita l-ġestjoni tal-fondi;

### *Emenda*

10. Jilqa' l-fatt li l-Unjoni se tkun tista' tirreaġixxi aħjar għall-kriżijiet b'riżultat taż-żieda fil-finanzjament għal diżastri naturali u emerġenzi oħra inklużi fl-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2024; jinnota li l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2024 johlqoq linji ġodda f'konformità mad-deċiżjoni li r-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajjnuna ta' Emerġenza tinqasam f'żewġ partijiet - ir-Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea għal diżastri naturali u emerġenzi tas-saħħa pubblika fl-Unjoni u r-Riżerva ta' Għajjnuna f'Emerġenza għal rispons rapidu għal emerġenzi fl-Unjoni; iqis li l-arkitettura l-ġdida se tiffaċilita l-ġestjoni tal-fondi;

Or. en

## **Emenda 12 Rasmus Andresen**

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 11**

#### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

11. Jistenna li l-ħtiġijiet tal-għajjnuna umanitarja jibqgħu għoljin fl-2024; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja ***dawk*** il-ħtiġijiet ***mill-qrib*** u tipproponi kwalunkwe miżura meħtieġa lill-awtorità baġitarja fi żmien xieraq; ifakkar, f'dan ir-rigward, li l-Istrument ta' Flessibbiltà ġie msaħħaħ b'madwar EUR 500 miljun għall-2024 bħala parti mir-reviżjoni tal-QFP;

#### *Emenda*

11. Jistenna li l-ħtiġijiet tal-għajjnuna umanitarja jibqgħu għoljin fl-2024 ***u jissottolinja l-fatt li l-HUMA għadu sottobaġitjat ħafna; filwaqt li jqis l-esperjenza tal-implimentazzjoni tal-baġit fis-snin preċedenti***, jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja ***mill-qrib*** il-ħtiġijiet ***tal-għajjnuna umanitarja*** u tipproponi kwalunkwe miżura meħtieġa lill-awtorità baġitarja fi żmien xieraq; ifakkar, f'dan ir-rigward, li l-Istrument ta' Flessibbiltà ġie msaħħaħ b'madwar EUR 500 miljun għall-2024 bħala parti mir-reviżjoni tal-QFP;

Or. en

**Emenda 13**  
**Victor Negrescu**  
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 11**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

11. Jistenna li l-ħtiġijiet tal-għajnuna umanitarja **jibqgħu għoljin** fl-2024; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja dawk il-ħtiġijiet mill-qrib u tipproponi kwalunkwe miżura meħtieġa lill-awtorita baġitarja fi żmien xieraq; ifakkar, f'dan ir-rigward, li l-Istrument ta' Flessibbiltà ġie msaħħaħ b'madwar EUR 500 miljun għall-2024 bħala parti mir-reviżjoni tal-QFP;

*Emenda*

11. Jistenna li l-ħtiġijiet tal-għajnuna umanitarja **jiždiadu aktar** fl-2024; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja dawk il-ħtiġijiet mill-qrib u tipproponi kwalunkwe miżura meħtieġa lill-awtorita baġitarja fi żmien xieraq; ifakkar, f'dan ir-rigward, li l-Istrument ta' Flessibbiltà ġie msaħħaħ b'madwar EUR 500 miljun għall-2024 bħala parti mir-reviżjoni tal-QFP;

Or. en

**Emenda 14**  
**Victor Negrescu**  
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 12**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

12. Jinnota li l-allokkazzjoni tal-2024 għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) tnaqqset għal EUR 33,8 miljun, f'konformità mar-Regolament QFP rivedut; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tal-FEG u tieħu kwalunkwe miżura meħtieġa biex tiżgura li t-talbiet **ġustifikati** kollha għal appoġġ mill-FEG ikunu jistgħu jiġu ssodisfati;

*Emenda*

12. Jinnota li l-allokkazzjoni tal-2024 għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) tnaqqset għal EUR 33,8 miljun, f'konformità mar-Regolament QFP rivedut; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tal-FEG u tieħu kwalunkwe miżura meħtieġa biex tiżgura li t-talbiet **rilevanti** kollha għal appoġġ mill-FEG ikunu jistgħu jiġu ssodisfati **u tistabbilixxi pjan ta' kontinġenza f'każ li kwalunkwe talba ma tkunx tista' tiġi ssodisfata**;

Or. en

**Emenda 15**  
**Victor Negrescu**  
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 13**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

13. Jieħu nota tal-bidliet fir-rimarki baġitarji biex il-programm Ewropa Diġitali jkun jista' jiffinanzja l-kostijiet tar-reklutaġġ ta' aġenti kuntrattwali għall-Uffiċċju għall-Intelliġenza Artifiċjali stabbilit skont l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali li ntlaħaq qbil dwaru reċentement; jissottolinja li soluzzjoni alternattiva bħal din hija meħtieġa **biss** minħabba riżorsi insuffiċjenti taħt l-Intestatura 7 (Amministrazzjoni) **u minħabba l-politika** ta' persunal stabbli awtoimposta mill-Kummissjoni; jinsisti li l-kopertura tal-kostijiet tal-persunal għall-Uffiċċju l-ġdid b'dan il-mod hija soluzzjoni temporanja **u li** soluzzjoni strutturali taħt l-Intestatura 7 **trid tinstab lil hinn mill-QFP attwali**;

*Emenda*

13. Jieħu nota tal-bidliet fir-rimarki baġitarji biex il-programm Ewropa Diġitali jkun jista' jiffinanzja l-kostijiet tar-reklutaġġ ta' aġenti kuntrattwali għall-Uffiċċju għall-Intelliġenza Artifiċjali stabbilit skont l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali li ntlaħaq qbil dwaru reċentement; jissottolinja li soluzzjoni alternattiva bħal din hija meħtieġa minħabba riżorsi insuffiċjenti taħt l-Intestatura 7 (Amministrazzjoni), **il-politika** ta' persunal stabbli awtoimposta mill-Kummissjoni **u l-intransiġenza tal-Kunsill matul ir-reviżjoni tal-QFP billi jirrifjuta li jirrikonoxxi li b'kompetenzi ġodda jkun hemm il-ħtieġa li jissaħħu l-istituzzjonijiet tal-UE b'persunal adegwat**; jinsisti li l-kopertura tal-kostijiet tal-persunal għall-Uffiċċju l-ġdid b'dan il-mod hija soluzzjoni temporanja, **ma tikkostitwix preċedent, li trid tinstab** soluzzjoni strutturali **fit-tul** taħt l-Intestatura 7 **u li l-infiq taħt l-Intestatura 7 jrid jiġi stabbilit f'livell li jggarantixxi li l-UE jkollha amministrazzjoni effettiva u effiċjenti**;

Or. en

**Emenda 16**  
**Rasmus Andresen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 13**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

13. Jieħu nota tal-bidliet fir-rimarki baġitarji biex il-programm Ewropa Diġitali jkun jista' jiffinanzja l-kostijiet tar-

*Emenda*

13. Jieħu nota tal-bidliet fir-rimarki baġitarji biex il-programm Ewropa Diġitali jkun jista' jiffinanzja l-kostijiet tar-

reklutaġġ ta' aġenti kuntrattwali għall-Uffiċċju għall-Intelliġenza Artifiċjali stabbilit skont l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali li ntlaħaq qbil dwaru reċentement; jissottolinja li soluzzjoni alternattiva bħal din hija meħtieġa biss minħabba riżorsi insuffiċjenti taħt l-Intestatura 7 (Amministrazzjoni) u minħabba l-politika ta' persunal stabbli awtoimposta mill-Kummissjoni; jinsisti li l-kopertura tal-kostijiet tal-persunal għall-Uffiċċju l-ġdid b'dan il-mod hija soluzzjoni temporanja u li soluzzjoni strutturali taħt l-Intestatura 7 trid tinstab lil hinn mill-QFP attwali;

reklutaġġ ta' aġenti kuntrattwali għall-Uffiċċju għall-Intelliġenza Artifiċjali stabbilit skont l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali li ntlaħaq qbil dwaru reċentement; jissottolinja li soluzzjoni alternattiva bħal din hija meħtieġa biss minħabba riżorsi insuffiċjenti taħt l-Intestatura 7 (Amministrazzjoni) u minħabba l-politika ta' persunal stabbli awtoimposta mill-Kummissjoni, ***u għandha tiġi aċċettata biss bħala soluzzjoni eċċezzjonali u ma tista' toħloq l-ebda preċedent għall-futur***; jinsisti, ***f'dak ir-rigward***, li l-kopertura tal-kostijiet tal-persunal għall-Uffiċċju l-ġdid b'dan il-mod hija soluzzjoni temporanja u li soluzzjoni strutturali taħt l-Intestatura 7 trid tinstab lil hinn mill-QFP attwali;

Or. en

## **Emenda 17**

**Victor Negrescu**

f'isem il-Grupp S&D

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

#### **Paragrafu 14**

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

14. Ifakkar li, fl-ittra ta' implimentabbiltà tagħha li tivvaluta l-qari rispettiv tal-Parlament u tal-Kunsill dwar il-baġit 2024, il-Kummissjoni ddikjarat li r-rimarki tal-baġit għandhom, “bħala regola ġenerali, [...] jirriflettu l-bażi legali u għandhom jiġu rieżaminati biss jekk ikun meħtieġ biex jirriflettu l-bidliet fil-bażijiet legali applikabbli” u “ma għandhom jipproponu l-ebda bidla u modifika għall-oġġettivi ġenerali u speċifiċi tal-programm jew azzjonijiet li mhumiex imsemmija b'mod espliċitu fl-atti bażiċi”; jistenna li, fid-dawl tal-flessibbiltà evidenti tal-Kummissjoni biex temenda r-rimarki għall-programm Ewropa Diġitali biex takkomoda r-reklutaġġ ta' persunal estern mhux relatat mal-implimentazzjoni tal-

##### *Emenda*

14. Ifakkar li, fl-ittra ta' implimentabbiltà tagħha li tivvaluta l-qari rispettiv tal-Parlament u tal-Kunsill dwar il-baġit 2024, il-Kummissjoni ddikjarat li r-rimarki tal-baġit għandhom, “bħala regola ġenerali, [...] jirriflettu l-bażi legali u għandhom jiġu rieżaminati biss jekk ikun meħtieġ biex jirriflettu l-bidliet fil-bażijiet legali applikabbli” u “ma għandhom jipproponu l-ebda bidla u modifika għall-oġġettivi ġenerali u speċifiċi tal-programm jew azzjonijiet li mhumiex imsemmija b'mod espliċitu fl-atti bażiċi”; jistenna li, fid-dawl tal-flessibbiltà evidenti tal-Kummissjoni biex temenda r-rimarki għall-programm Ewropa Diġitali biex takkomoda r-reklutaġġ ta' persunal estern mhux relatat mal-implimentazzjoni tal-

programm, se tapplika kriterji *differenti* meta tivvaluta kwalunkwe bidla fir-rimarki baġitarji li l-Parlament jew il-Kunsill jafu jipproponu fil-proċedura baġitarja tal-2025;

programm, se tapplika *l-istess* kriterji *biex tiżgura trattament ugwali* meta tivvaluta kwalunkwe bidla fir-rimarki baġitarji li l-Parlament jew il-Kunsill jafu jipproponu fil-proċedura baġitarja tal-2025;

Or. en

## **Emenda 18** **Eric Minardi**

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **Paragrafu 15**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**15.** *Jissottolinja l-ħtieġa ta' riżorsi addizzjonali għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-“UPPE”) minħabba l-adeżjoni ppjanata tal-Polonja fl-2024 u l-adeżjoni futura tal-Iżvezja u fil-kuntest tal-implimentazzjoni aċċellerata tal-finanzjament tan-NextGenerationEU; jiddispijaċih li dawk ir-riżorsi addizzjonali ma ġewx inklużi fl-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2024; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi rinforzi għall-baġit tal-UPPE fl-abbozz ta' baġit emendatorju li jmiss biex tiżgura li l-UPPE jkun jista' jwettaq bis-sħiħ il-mandat tiegħu;*

*imħassar*

Or. en

## **Emenda 19** **Victor Negrescu** fisem il-Grupp S&D

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **Paragrafu 15**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**15.** *Jissottolinja l-ħtieġa ta' riżorsi addizzjonali għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-“UPPE”) minħabba l-adeżjoni ppjanata tal-Polonja fl-2024 u l-*

**15.** *Jissottolinja l-ħtieġa ta' riżorsi addizzjonali għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-“UPPE”) minħabba l-adeżjoni ppjanata tal-Polonja fl-2024 u l-*

adeżjoni futura tal-Iżvezja u fil-kuntest tal-implimentazzjoni aċċellerata tal-finanzjament tan-NextGenerationEU; jiddispjaċih li dawk ir-riżorsi addizzjonali ma ġewx inklużi fl-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2024; jistieden lill-Kummissjoni **tinkludi rinforzi għall-baġit tal-UPPE** fl-abbozz ta' baġit emendatorju li jmiss biex tiżgura li l-UPPE jkun jista' jwettaq bis-sħiħ il-mandat tiegħu;

adeżjoni futura tal-Iżvezja u fil-kuntest tal-implimentazzjoni aċċellerata tal-finanzjament tan-NextGenerationEU; jiddispjaċih li dawk ir-riżorsi addizzjonali ma ġewx inklużi fl-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2024; jistieden lill-Kummissjoni **ssaħħaħ il-baġit tal-UPPE b'81 pożizzjoni ġdida u l-linja baġitarja tiegħu b'EUR 7 835 000** fl-abbozz ta' baġit emendatorju li jmiss biex tiżgura li l-UPPE jkun jista' jwettaq bis-sħiħ il-mandat tiegħu, **b'mod partikolari biex jiġi żgurat li l-operazzjonalizzazzjoni tal-adeżjoni tal-Polonja ma tiddewwimx jew ma ssirx ineffettiva minħabba nuqqas ta' pożizzjonijiet għall-prosekuturi jew l-għarfien espert legali meħtieġ fl-Uffiċċju Ċentrali, li l-investigazzjonijiet kurrenti tal-UPPE jiġu segwiti b'mod adegwat u li l-UPPE jkollu riżorsi addizzjonali suffiċjenti biex jiżgura s-sigurtà tas-sistema tal-IT tiegħu u l-funzjonament adegwat tal-amministrazzjoni tiegħu;**

Or. en

## **Emenda 20 Fabienne Keller**

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 15**

#### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

15. **Jissottolinja l-ħtieġa** ta' riżorsi addizzjonali għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-“UPPE”) minħabba l-adeżjoni ppjanata tal-Polonja fl-2024 u l-adeżjoni futura tal-Iżvezja u fil-kuntest tal-implimentazzjoni aċċellerata tal-finanzjament tan-NextGenerationEU; **jiddispjaċih li** dawk ir-riżorsi addizzjonali ma ġewx inklużi fl-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2024; jistieden lill-Kummissjoni **tinkludi** rinforzi għall-baġit tal-UPPE **fl-abbozz ta' baġit emendatorju li jmiss** biex tiżgura li l-UPPE jkun jista'

#### *Emenda*

15. **Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti** ta' riżorsi addizzjonali għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-“UPPE”) minħabba l-adeżjoni ppjanata tal-Polonja fl-2024 u l-adeżjoni futura tal-Iżvezja u fil-kuntest tal-implimentazzjoni aċċellerata tal-finanzjament tan-NextGenerationEU; **jiddeplora l-fatt li, minkejja l-urġenza,** dawk ir-riżorsi addizzjonali ma ġewx inklużi fl-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2024 **mill-Kummissjoni filwaqt li ġew inklużi bidliet oħra relatati mal-ftehim dwar l-Intelliġenza Artifiċjali;** jistieden **bil-qawwa** lill-Kummissjoni

jwettaq bis-sħiħ il-mandat tiegħu;

*tiżgura* rinforzi għall-baġit tal-UPPE *mill-aktar fis possibbli* biex tiżgura li l-UPPE jkun jista' jwettaq bis-sħiħ il-mandat tiegħu;

Or. en